# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 46**

**Avviz numru 719/98/SM**

**Tabib Raphael Patiniott u Marion Caruana**

**vs**

**Stephen Camenzuli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 t'April ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Jivvaka u jizgombra mill-fond 51, St. Publius Street, Sliema peress illi qed jokkupah minghajr titolu validu fil-ligi;**

2. **Il-valur lokatizju tal-fond huwa ta' LM14 fis-sena;**

3. **Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu, 1998 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 t'April ta' l-1998 li permezz tieghu l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-eccipjenti jiddetjeni l-fond de quo b'titolu ta' kera u dana a tenur tal-Artiklu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-fond meritu ta' din il-procedura kien originarjament mikri mill-genituri ta' l-atturi lil Carmelo Baldacchino;**

2. **Illi wara li dan l-inkwilin ghadda ghall-hajja ahjar, l-istess sidien fuq indikati rrikonoxxew bhala inkwilina lil Giorgia, armla ta' l-imsemmi Carmel Baldacchino;**

3. **Illi fl-1991 l-imsemmija Giorgia ivvakat l-istess fond izda t-tifla taghha Doris kienet kitbet lill-atturi li l-mama' taghha kienet ser izzomm l-inkwilinat tal-fond de quo peress li kienet ghadha mhix certa jekk tibqax barra mill-imsemmi fond jew le;**

4. **Illi fl-1993 l-inkwilina Giorgia iddahhlet l-isptar San Luqa u sussegwentement fit-8 ta' Frar ta' l-1994 giet rikoverata l-isptar St. Vincent de**

**Paula, u ma rritornatx aktar fil-fond meritu ta' din il-procedura;**

5. **Illi fil-perjodu in dizamina l-atturi nzertaw qed jizviluppaw fond adjacenti ma dak meritu ta' din il-procedura u peress li kienu jmorru spiss biex jaraw xi progress kien qed isir f'dan l-izvilupp kienu wkoll josservaw li l-fond in dizamina kien vakat, inutilizzat u definittivament mhux okkupat;**

6. **Illi f'dan il-perjodu, l-kera tal-fond de quo kien jithallas minn certu Victor Baldacchino;**

7. **Illi wara li l-imsemmi Victor ukoll ghadda ghall-hajja ahjar, il-konvenut, akkompanjat mill-mama' tieghu, talbu lill-atturi biex jikru l-istess fond lill-imsemmi konvenut;**

8. **Illi l-konvenut isostni li fil-mument tal-mewt tan-nanna tieghu, l-inkwilina, hu kien gia' jirrisjedi fl-imsemmi fond;**

9. **Illi l-atturi ma kienux jarawh jirrisjedi hemm peress li kien jahdem;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fid-deposizzjoni guramentata tieghu l-konvenut isostni li kien ilu jghix man-nanna inkwilina fil-fond in dizamina "…bejn hames u sitt snin…" (ara fol 15 deposizzjoni datata s-26 ta' Novembru ta' l-1998);**

**Illi dan il-perjodu indikat mill-konvenut jistona stante lijekk hu minnhu n-nanna inkwilina kienet gia' rikoverata jew fl-isptar San Luqa, jew f'San Vincenz de Paula, u l-konvenut qatt ma seta' jirrisjedi maghha fil-fond in dizamina kif isostni;**

**Illi ghalhekk il-kredibilita' tal-konvenut tikkrolla kompletament u l-agir tal-konvenut jimmerita li jigi ttrattat biss bhala attentat meskin ta' persuna li jrid japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni familjari tieghu;**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi tilqa' t-talba attrici, tiddikjara lill-konvenut Stephn Camenzuli qed jokkupa l-**

**fond 51, St. Publius Street, Sliema, minghajr titolu validu fil-ligi u tordna lill-istess konvenut biex jizgombra mill-imsemmi fond fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**